# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127



**Nru. 421** **JANNAR 2012**


### *OTTAVA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-INSARA*
### Mit-18 sal-25 ta' Jannar 2012

***It-Tieni Sinodu t' Għawdex, fid-Digrieti 71b u 72 dwar din il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara jgħidilna:***

« Għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Peress li meħtieġ ħafna t-talb, huma rrikmandati ħafna l-'Ġimgħat għall-Għaqda tal-Knejjes' li jsiru fil-parroċċi, kif ukoll is-servizz ekumeniku li għandu jsir għall-inqas darba fis-sena.

Huwa mixtieq li l-Kattoliċi jissieħbu mal-aħwa mifrudin minna sabiex jagħmlu talb lil Alla fi kwalunkwe ħtieġa komuni li fiha jistgħu u għandhom jikkoperaw flimkien, per eżempju sabiex jissaħħu l-paċi fejjieda u l-ġustizzja soċjali, il-karità reċiproka fost il-bnedmin, id-dinjità tal-familja u ħwejjeġ bħal dawn. »

==========================================================================

### FESTA TA' SANT'ANTON ABBATI FIX-XAGĦRA
### IL-ĦADD 15 TA' JANNAR 2012

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Jannar ser issir il-Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra. Fit-8.30a.m quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati – Xagħra . Fit-3.30p.m. Għasar fil-Knisja Bażilka tax-Xagħra u wara purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anton Abbati mill-Knisja tal-Parroċċa għal Sant'Anton fejn fil-Pjazza ta' Sant'Anton l-Isqof ibierek l-annimali. Kulħadd huwa mistieden.

### KONFERENZA DJOĊESANA DWAR IL-FAMILJA

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja t'Għawdex qiegħda torganizza Konferenza Djoċesana bis-suġġett: **FAMILJA SODA, SOĊJETÀ B'SAĦĦITHA.**

**Jitkellem Don Carlo Bresciani, psikologu, moralista u konsultur tas-Santa Sede. Ikun hemm traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti waqt is-serata.**.

Din il-Konferenza ser issir:

**Nhar**: Il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2012.

**Post:** Fis-Sala ta' Villa Fiorita (Limiti ta' Marsalforn).

**Ħin:** mill-5.00pm sat-8.00pm

**Kulħadd huwa mistieden. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.**

Nixtiequ nagħtu l-Awguri tagħna għas-sena ġdida 2012 lil dawk kollha li jieħdu ħsieb iqassmu, jaqraw u jwettqu dak li din in-"NEWSHEET" tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi twasslilhom u lil dawk kollha responsabbli u membri tal-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi Ekkleżjali, kif ukoll xandara tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali li biha jinqdew biex iwasslu dan il-materjal li jsibu fiha għall-informazzjoni u formazzjoni tas-semmiegħa u qarrejja tagħhom minn xahar għal xahar matul din is-sena 2012.

### NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA 2012 LIL KULĦADD.

## KALENDARJU PASTORALI

## *JANNAR 2012* — *Numru 421*

| | |
|---|---|
| 1. Ħadd | Solennità tal-Imqaddsa Omm Alla Marija. Il-45 Jum il-Paċi. Pontifikal fil-Katidral.<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco fil-5.30pm). |
| 5.Ħamis | Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard"(Knisja Ta' Ħamet: fis-6.00pm Quddiesa u fis-6.30pm adorazzjoni sas-7.30pm) |
| 6.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għad-Delegati Pastorali (Kurja – 10.00am).<br>Quddiesa għall-professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.00p.m. |
| 7. Sibt | Laqgħa ta' Awguri għall-Kleru mallħ-Isqof (Seminarju fid-9.00am).<br>Lejl adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Għasri li jibda fit-8.00pm |
| 8 Ħadd | Solennità tal-Epifanija tal-Mulej. Pontifikal fil-Katidral. Jitħabbru l-Festi li jimxu mal-Għid.<br>Ċenaklu Dar Ċentrali tal-A.K. fit-8.30am.<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco fil-5.30pm). |
| 9.Tnejn | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej. Jum is-Sant'Infanzja.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona A (San Ġorġ fil-4.00pm). |
| 10.Tlieta | Laqgħa AKSK (Konservatorju Sek.). |
| 11.Erbgħa | Laqgħa għall-Persuni Separati (KDF – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 12.Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.4 (Kons.Prim.). |
| 13.Ġimgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30am).<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF- Dar Manresa – 8.00pm). |
| 14. Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda fit-8.00pm. |
| 15. Ħadd | It-Tieni Ħadd tas-sena. It-98.Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati.<br>Festa ta' Sant'Anton Abbati – Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra.<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco fil-5.30pm). |
| 16.Tnejn | Jiftħu l-Applikazzjoni għal Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja. Applikazzjonijiet jinġabru mill-Kurja.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona B (Għarb – 4.00pm) |
| 17.Tlieta | Sant'Anton Abbati-Tifkira. |
| 18.Erbgħa | Bidu tat-43 Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara. Servizz Ekumeniku (Leġjun ta' Marija).<br>KKSK(Konservatorju Sek.). |
| 18-25 | Issir it-43 Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara. |
| 19. Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.5 tal-Iskejjel tal-Knisja (Konservatorju Primarja). |
| 20. Ġimgħa | Sant'Anjeże Verġni u Martri – Tifkira (O)./ Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tas-Sitt Ann. mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. (Knisja Ragħaj it-Tajjeb fis-6.00pm). |
| 21. Sibt | Laqgħa tal-Kunsill Presbiterali (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 9.00am) / Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda fit-8.00pm |
| 22. Ħadd | It-Tielet Ħadd tas-Sena. Messalin sena B.<br>Is-Sitt Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.<br>Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl (Knisja ta' Marsalforn).<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco fil-5.30pm). |
| 23. Tnejn | Jinġabru l-Applikazzjonijiet għal Kinder 1./ Laqgħa għas-Saċerdoti Żona Ċ (Għajnsielem –4.00pm). |
| 24.Tlieta | *Secondary School Experience*.<br>Quddiesa għall-operaturi fil-midja (Knisja Sorijiet Franġiskani, Victoria fil-5.00pm). |
| 25. Erbgħa | Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl. Festa. |
| 26. Ħamis | San Timotju u San Titu isqfijiet. Tifkira (O)./ Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.6 tal-Iskejjel tal-Knisja (K. P)./Laqgħa għall-persuni separati –KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb –fit-8.00pm) |
| 27. Ġimgħa | Seminar għall-istaff tal-iskejjel tal-Knisja/. Konferenza Djoċesana fuq il-Familja (KDF -5.00pm – 8.00pm fis-Sala Villa Fiorita –Marsalforn.Kelliem: Don Carlo Bresciani). |
| 28. Sibt | San Tumas Aquino, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Adorazzjoni għall-Qdusija tal-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tax-Xagħra tibda fis-6.30pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, Xagħra li jibda fit-8.00pm. |
| 29. Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tas-Sena./F esta ta' San Ġwann Bosco (Oratorju Don Bosco, Victoria).<br>Id-59 Jum il-Morda bil-Lebbra (Jum il-Ħansenjani)./ Jum iċ-Centru Parrokkjali. |
| 30. Tnejn | Laqgħa għas-Saċerdoti Żona D. (Xagħra fil-4.00pm)./Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb fit-8.00pm) |